MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 691/2009

**Illum is-27 ta' Gunju, 2014.**

**Rikors Numru 691/09 SM**

**Fl-ismijiet:**

**Joe Abdilla (karta ta' l-identita` numru 837157 (M)), Osterio Aquilina (karta ta' l-identita` numru 409058 (M)), Carmel Attard (karta ta' l-identita` numru 166358 (M)), Raymond Attard (karta ta' l-identita` numru 450557 (M)), Philip Bonnici (karta ta' l-identita` numru 231258 (M)), Anthony Borg (karta ta' l-identita` numru 45859 (M)),**

**Edward Borg Fiorentino (karta ta' l-identita` numru 353457 (M)), Victor Borg Fiorentino (karta ta' l-identita` numru 740458 (M)), Albert Brimmer (karta ta' l-identita` numru 604257 (M)), Godfrey Cachia (karta ta' l-identita` numru 535657 (M)), Emanuel Camilleri (karta ta' l-identita` numru 30558 (M)), Joe Camilleri (karta ta' l-identita` numru 174759 (M)), Raymond Camilleri (karta ta' l-identita numru 46576 (M)), Vince Camilleri (karta ta' l-identita` numru 316758 (M)), Edwin Caruana (karta ta' l-identita` numru 251357 (M)), Raymond Caruana (karta ta' l-identita` numru 317058 (M)), Martin Cassar (karta ta' l-identita` numru 459957 (M)), Godfrey Ciappara (karta ta' l-identita` numru 38458 (M)), Joseph Depares Valenzia (karta ta' l-identita` numru 794558 (M)), Raymond Ebejer (karta ta' l-identita` numru 823757 (M)), Carmel Farrugia (karta ta' l-identita` numru 523758 (M)), Joe Farrugia (karta ta' l-identita` numru 111157 (M)), Martin Farrugia (karta ta' l-identita` numru 232959 (M)), Mario Galea (karta ta' l-identita` numru 346257 (M)), Tonio Galea (karta ta' l-identita` numru 597957 (M)), Joseph Grech (karta ta' l-identita` numru 332057 (M)), Vince Grech (karta ta' l-identita` numru 336459 (M)), Raymond Grima (karta ta' l-identita` numru 77159 (M)), Mario Micallef (karta ta' l-identita` numru 307357 (M)), Anthony Muscat**

**(karta ta' l-identita` numru 722658 (M)), Lawrence Saliba (karta ta' l-identita` numru 448359 (M)), Joseph Sammut (karta ta' l-identita` numru 530657 (M)), Raymond Scicluna (karta ta' l-identita` numru 380159 (M)), Maurice Spiteri (karta ta' l-identita` numru 350157 (M)), Martin Tabone (karta ta' l-identita` numru 787957 (M)), Andrew Vassallo (karta ta' l-identita` numru 658858 (M)), Joe Vella (karta ta' l-identita` numru 649558 (M)), Joseph Zahra (karta ta' l-identita` numru 379059 (M)), Raymond Zammit (karta ta' l-identita` numru 483657 (M)),Joseph Abdilla (karta ta' l-identita` numru 110957 (M)), Mario Abela (karta ta' l-identita` numru 371459 (M)), Saviour Abela, (karta ta' l-identita` numru 597359 (M)), Nicholas A. Aquilina (karta ta' l-identita` numru 556559 (M)), Joseph Attard (karta ta' l-identita` numru 265459 (M)), Cristian Azzopardi (karta ta' l-identita` numru 49559 (M)), Joseph Azzopardi (karta ta' l-identita` numru 667258 (M)), Mario Azzopardi (karta ta' l-identita` numru 540659 (M)), Martin Bajada (karta ta' l-identita` numru 259158 (M)), Richard Bartolo (karta ta' l-identita` numru 523357 (M)), Raymond Bellizzi (karta ta' l-**

**identita` numru 500958 (M)), Charles Bianco (karta ta' l-identita` numru 432758 (M)), Godwin Bongailas (karta ta' l-identita` numru 108059 (M)), Raymond Borg (karta ta' l-identita` numru 36358 (M)), Vincent Borg (karta ta' l-identita` numru 108659 (M)), Carmel Briffa (karta ta' l-identita` numru 193459 (M)), Emanuel Briffa (karta ta' l-identita` numru 23358 (M)), Anthony David Brincat (karta ta' l-identita` numru 54458 (M)), Lawrence Bugeja (karta ta' l-identita` numru 183358 (M)), Peter Paul Bugeja (karta ta' l-identita` numru 376659 (M)), Ugo Buhagiar (karta ta' l-identita` numru 406259 (M)), Joseph Busuttil (karta ta' l-identita` numru 557959 (M)), Frans Buttigieg (karta ta' l-identita` numru 289158 (M)), Carmel Calleja (karta ta' l-identita` numru 516759 (M)), Domenic Calleja (karta ta' l-identita` numru 541458 (M)), Carmel Camilleri (karta ta' l-identita` numru 668959 (M)), Francis Caruana (karta ta' l-identita` numru 484558 (M)), Raymond Caruana (karta ta' l-identita` numru 35859 (M)), Albert Cassar (karta ta' l-identita` numru 807859 (M)), Ronald Catania (karta ta' l-identita` numru 343058 (M)), John Cauchi (karta ta' l-identita` numru 208958 (M)), Hector Cilia (karta ta' l-identita` numru 517659 (M)), Simon Cioffi (karta ta' l-identita` numru 99059 (M)), Joseph Corso (karta ta' l-identita` numru 398758 (M)), John Cutajar (karta ta' l-identita` numru 73360 (M)), Joseph Dalli (karta ta' l-identita` numru 230159 (M)), Paul Dalli (karta ta' l-identita` numru 281059 (M)), Emanuel Darmanin (karta ta' l-identita` numru 3760 (M), Eugenio Debono (karta ta' l-identita` numru 456859 (M), Joseph Degabriele (karta ta' l-identita` numru 80260 (M)), Joseph Dimech (karta ta' l-identita` numru 5460 (G)), Joseph Farrugia (karta ta' l-identita` numru 344259 (M)), Anthony Fenech (karta ta' l-identita` numru 736058 (M)), Brian Galea (karta ta' l-identita` numru 479558 (M)), Joseph Gatt (karta ta' l-identita` numru 301559 (M)), Paul Gatt (karta ta' l-identita` numru 402859 (M)), Joseph Grech (karta ta' l-identita` numru 260259 (M)), George Grima (karta ta' l-identita` numru 710959 (M)), Charles Mallia (karta ta' l-identita` numru 636357 (M)), John Massa (karta ta' l-identita` numru 450459 (M)), Eugenio Meli (karta ta' l-identita` numru 199259 (M)), Gejtu Micallef (karta ta' l-identita` numru 341758 (M)), John Mizzi (karta ta' l-identita` numru 80560 (M)), Emanuel Montebello (karta ta' l-identita` numru 319459 (M)), Anthony Montesin (karta ta' l-identita` numru**

**684958 (M)), Domenic Pace (karta ta’ l-identita` numru 569257 (M)), Joseph Pace (karta ta’ l-identita` numru 828957 (M)), John Pisani (karta ta’ l-identita` numru 394858 (M)), Arthur Saliba (karta ta’ l-identita` numru 776358 (M)), Mario Schembri (karta ta’ l-identita` numru 52660 (M)), Raymond Scicluna (karta ta’ l-identita` numru 551182 (M)), William Sperandeo (karta ta’ l-identita` numru 743159 (M)), Eugene Spina (karta ta’ l-identita` numru 712858 (M)), Carmel Tabone (karta ta’ l-identita` numru 194257 (M)), Raymond Tabone (karta ta’ l-identita` numru 440659 (m)), Joseph Vassallo (karta ta’ l-identita` numru 240259 (M)), Ludovigo Vella (karta ta’ l-identita` numru 768359 (M)), Carmel Zammit (karta ta’ l-identita` numru 566859 (M)), Godfrey Zammit (karta ta’ l-identita` numru 231859 (M)), John Zammit (karta ta’ l-identita` numru 751057 (M)), Julian Farrugia (karta ta’ l-identita` numru 242459 (M)), John Brian Abdilla (karta ta’ l-identita` numru 377562 (M)), Ronnie Abela (karta ta’ l-identita` numru 594860 (M)), Paul Attard (karta ta’ l-identita` numru 353161 (M)), Mario Busuttil (karta ta’ l-identita` numru 368060 (M)), Fortunato Camilleri (karta ta’ l-identita` numru 375461 (M)), Charlie Cassar (karta ta’ l-identita` numru 105761 (M)), George Ciantar (karta ta’ l-identita` numru 639459 (M)), Paul Cutajar (karta ta’ l-identita` numru 484960 (M)), Martin Darmanin (karta ta’ l-identita` numru 11161 (M)), Paul Dimech (karta ta’ l-identita` numru 624960 (M)), Paul Ellul (karta ta’ l-identita` numru 221461 (M)), Carmel Farrugia (karta ta’ l-identita` numru 613361 (M)), Joseph Farrugia (karta ta’ l-identita` numru 240061 (M)), Mario Farrugia (karta ta’ l-identita` numru 779660 (M)), Joseph Grech (karta ta’ l-identita numru 270562 (M)), Joseph Grech (karta ta’ l-identita` numru 90760 (M)), Richard Grech (karta ta’ l-identita` numru 144962 (M)), Raymond Hili (karta ta’ l-identita` numru 315862 (M)), Joseph Mamo (karta ta’ l-identita` numru 304161 (M)), Joseph Mifsud (karta ta’ l-identita` numru 37161 (M)), Mario Schembri (karta ta’ l-identita` numru 525859 (M)), Carmel Scicluna (karta ta’ l-identita` numru 145762 (M)), Joseph Sevasta (karta ta’ l-identita` numru 427161 (M)), Joseph Seychell (karta ta’ l-identita` numru 231561 (M)), George Tabone (karta ta’ l-identita` numru 25262 (M)), Albert Vella (karta ta’ l-identita` numru 680061 (M)), Godwin Gatt (karta ta’ l-identita` numru 443959 (M)), Saviour Mangion (karta ta’ l-identita` numru**

**219859 (M)), Emanuel Attard (karta ta' l-identita` numru 836357 (M)), Winston Muscat (karta ta' l-identita` numru 79571 (M)), Raymond Schembri (karta ta' l-identita` numru 519659 (M)), Michael Bonello (karta ta' l-identita` numru 226958 (M)) u John Vella (karta ta' l-identita` numru 123361 (M))**

**vs**

**L-Onorevoli Prim Ministru bhala l-Kap tal-Gvern ta' Malta**

**Id-Direttur Generali tal-Management and Personnel Office**

**Is-Segretarju Permanenti Ewlieni**

**L-Avukat Generali tar-Repubblika**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat is-16 ta' Lulju, 2009, li permezz tieghu sintetikament ir-rikorrenti ippremettew is-segwenti:

1.1 Illi huma kienu ghamlu apprendistat mal-Gvern u wara li itterminawh, inghataw *appointment* mal-Gvern wara s-16 ta' Jannar, 1979;

1.2 Illi b'rizultat tal-istess *appointment* tilfu d-dritt li jikkommutaw parti mill-pensjoni fid-data ta' l-irtirar taghhom;

1.3 Illi saru jafu li numru sostanzjali minn shabhom li ghamlu l-istess apprendistat maghhom inghataw l-*appointment* taghhom f'data qabel is-16 ta' Jannar, 1979, biex b'hekk dawn kienu eligibbli li jikkommutaw parti mill-pensjoni taghhom meta jirtiraw;

1.4 Illi ma jaraw l-ebda raguni ghaliex kellhom jigu diskriminati meta huma:

1.4.1. Ghamlu l-istess kors, bhal shabhom;

1.4.2. Hallsu l-istess kontribuzzjoni tan-*National Insurance*, bhal shabhom;

1.4.3. Hallsu l-istess *Income Tax* bhal shabhom;

1.4.4. Qdew id-dmirijiet fdati lilhom bl-istess hila, dedikazzjoni u integrita`;

1.5. Illi ghalkemm ghamlu rapprezentazzjonijiet lill-intimati jew uhud minnhom biex tigi irrangata l-anomalija fuq indikata u jinghataw l-istess drittijiet bhal shabhom li inghataw l-*appointment* taghhom qabel is-16 ta' Jannar, 1979, dan kien kollu inutili stante li l-intimati baqghu inadempjenti;

1.6. Illi konsegwentement aderew din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

1.6.1. Tiddikjara li l-esponenti ghandhom dritt li jinghataw l-istess trattament bhal shabhom li inghataw l-*appointment* qabel is-16 ta' Jannar, 1979;

1.6.2. Tordna lill-intimati jew min minnhom biex jirrangaw id-data ta’ l-*appointment* tar-rikorrenti ghal data li tigi qabel is-16 ta’ Jannar, 1979, biex b’hekk titnehha l-anomalija li tezisti bejn haddiema li ghamlu l-istess apprendistat u jaghmlu l-istess xoghol mal-Gvern;

1.6.3. Taghti dawk l-ordnijiet u direttivi ohra li jidhrilha xierqa biex titnehha l-ingustizzja li saret mar-rikorrenti u biex dawn jinghataw id-drittijiet taghhom skont il-ligi;

1.6.4. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2.0. Rat ir-risposta guramentata tal-intimati fuq indikati datata t-13 t’Awwissu, 2009, li permezz taghha wiegbu sintetikament bil-mod segwenti:

2.1. Illi preliminarjament, l-azzjoni attrici hi preskritta stante li tirreferi ghal att amministrattiv li jirrisali ghal aktar minn tletin (30) sena, u dan, *a tenur* ta’ l-artiklu 2143 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2.2. Illi subordinatament u *in linea* preliminari, in kwantu li l-pretensjoni tar-rikorrenti hi diretta ghall-pagament ta’ pensjoni u li tirrisali ghal atti li graw qabel l-1979, l-azzjoni attrici hi wkoll preskritta *ai termini* tal-artiklu 2156 tal-istess Kap 16 fuq riferit;

2.3. Illi wkoll subordinatament u *in linea* preliminari stante li l-istess azzjoni tindirizza att amministrattiv li gara qabel l-1979, l-

azzjoni attrici hi preskritta *a tenur* ta’ l-artiklu 2153 tal-istess Kap 16;

2.4. Illi preliminarjament l-azzjoni attrici hi insostenibbli stante li fir-rikors promotur ma giex indikat fuq liema artiklu tal-ligi din l-azzjoni hi bbazata;

2.5. Illi *di piu`*, kull wiehed mir-rikorrenti jrid jipprova l-interess guridiku tieghu biex javvanza l-pretensjoni tieghu;

2.6. Illi *di piu`*, in kwantu l-azzjoni *de quo* hi wahda kumulattiva, kull rikorrenti jehtieg li jispjega u jipprova l-pretensjoni tieghu u jrid ihallas id-dritt tar-registru fuqha;

2.7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u *in linea* preliminari, l-intimati Onorevoli Pim’Ministru u l-Avukat Generali m’humiex il-ligittimi kontradittturi u dan *a tenur* tal-artiklu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2.8. Illi ghal dak li jirrigwarda l-paragrafu precedenti ssir referenza ghas-sub-artiklu (2) tal-imsemmi artiklu 181B tal-Kap 12 fuq indikat li jipprovdi li l-Avukat Generali ghandu jigi mharrek biex jirrapprezenta l-Gvern f’dawk l-atti u azzjonijiet gudizzjarji li minhabba in-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern;

2.9. Illi f’dan ir-rigward kif indirizzat fil-paragrafu ta’ qabel dan ghalhekk hu evidenti li fil-vertenza odjerna din l-azzjoni setghet tigi diretta kontra l-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern;

2.10. Illi d-Dok. ‘A’ anness mar-rikors promotur gie ezebit bi ksur lampanti ta’ l-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data, Kap 440 tal-Ligijiet ta’ Malta, stante li jikkontjeni informazjzoni personali dwar terzi li m’ghandhomx x’jaqsmu mal-vertenza *de quo*;

2.11. Illi in vista ta’ dak rilevat fil-paragrafu precedenti, id-dokument hemm riferit ghandu jigi sfilzat;

2.12. Illi fil-mertu, l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-rikorrenti huma kollha infondati u dan, ghaliex:

2.12.1. L-initmati jichdu kwalunkwe allegazzjoni ta’ diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti;

2.12.2. L-intimati dejjem imxew in konformita` ma’ dak li tipprovdi l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet;

2.12.3. It-tieni talba tar-rikorrenti, (ara paragrafu numru wiehed punt sitta punt tnejn, (1.6.2), aktar qabel, hi insostenibbli stante li hi diretta biex titnizzel data falza fuq *appointment* meta din ghandha tirrifletti l-gurnata meta persuna sar impjegat u inoltre, tenut kont ta’ l-Att dwar il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg, (Kap. 135 tal-istess Ligijiet ta’ Malta), *in vigore* fiz-zmien rilevanti, id-definizzjoni ta’ “*contract of service*” tfisser “*an agreement, whether oral or in writing, in any form, whereby a person binds himself to render service to or to do work for an employer whether the contract be for manual labour, clerical work or otherwise, in return for wages, but does not include an agreement of apprenticeship*”;

2.13. Salv eccezzjonijiet ohra;

2.14. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

3. Rat il-verbal konguntiv tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datata il-15 ta' Frar, 2012, li permezz tieghu infurmaw lill-qorti li ghal kull *buon fini*, stante li l-mertu tax-xhieda tar-rikorrenti hi identika, ix-xhieda prodotta hekk gia` mismugha ghandha tittiehed bhala valida wkoll ghar-rikorrenti kollha minghajr il-htiega li dawn jinstemghu kollha direttament, (ara fol 1017);

4. Rat id-digriet taghha datat il-11 t'Ottubru, 2012, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat li t-trattazzjoni tal-kaz odjern issir bil-modalita` hemm indikata, (ara fol 1984);

5. Rat ix-xhieda prodotta;

6. Rat id-dokumentazzjoni estremament kopjuza ipprezentata in atti;

7. Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tar-rikorrenti datata l-25 ta' Frar, 2013, (ara fol 1987);

8. Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-intimati datata l-21 ta' Marzu, 2013, (ara fol 1992);

9. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, (ara foll 2000);

10. Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 24 t'Ottubru 2013 li permezz tieghu talbu is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza ghal-raguni hemm indikata, (ara foll 2001);

11. Rat il-verbal tal-14 ta' Mejju 2014, li permezz tieghu l-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti informa lil-Qorti li t-trattattivi li kienu qeghdin jigu kondotti ma' hallew l-ebda frott, u ghalhekk talab illi l-kawza terga tithalla ghas-sentenza, (ara foll 2007);

Ikkunsidrat:

12.0. Illi l-pozizzjoni tar-rikorrenti tista' tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

> 12.1. Illi ftit qabel ma intavolaw il-procedura odjerna saru jafu li xi whud mill-kollegi taghhom li maghhom kienu hadmu ta' apprentisti mal-Gvern kienu ghall-kuntrarju taghhom, gew kwalifikati u kklassifikati li l-ewwel impjieg taghhom kien sehh qabel is-16 ta' Jannar, 1979;
>
> 12.2. Illi permezz ta' din il-klassifikazzjoni dawn l-apprendisti kollegi tar-rikorrenti awtomatikament ikkwalifikaw ghall-pensjoni tat-Tezor;

12.3. Illi r-rikorrenti ma gewx ikkwalifikati li kienu impjegati qabel id-data fuq indikata, (ara paragrafu numru ghaxra punt wiehed, (10.1), aktar qabel), u allura bhala konsegwenza diretta tal-istess, ma ikkwalifikawx ghall-pensjoni indikata fil-paragrafu precedenti;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi rigward l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati, r-rikorrenti jsostnu sintetikament is-segwenti:

13.1. **Re l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta’ tletin (30) sena *ai termini* tal-artikli 2143**:

13.1.1. Illi l-preskrizzjoni ta’ tletin (30) sena mhix wahda awtomatika;

13.1.2. Illi qorti ghandha tezamina minn meta beda jghodd dan it-terminu;

13.1.3. Illi fil-kawza **Manduca vs Manduca tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili, datata l-4 ta’ Frar, 1988**, il-qorti stess kienet li iddecidiet mill-fatti esposti quddiemha minn meta setghet tigi ezercitata l-azzjoni *de quo*;

13.1.4. Illi fil-kawza **Barbara et vs Onorevoli Prim’Ministru, tal-Qorti Kostituzzjonali, datata s-7 t’Ottubru, 1997**, din il-qorti iddecidiet li f’kazi ta’ drittijiet

fundamentali l-preskrizzjoni ta' tletin (30) sena ma tapplikax ghaliex il-legizlatur ma indikax li tali azzjonijiet jistghu jkunu preskritti;

13.1.5. Illi fil-kaz odjern:

13.1.5.i. Illi r-rikorrenti ma hadux tletin (30) sena biex jindunaw li whud mill-kollegi taghhom kienu inghataw vantagg li huma ma kellhomx;

13.1.5.ii. Illi ghalhekk l-artiklu 2143 tal-Kap 16 fuq citat ma japplikax fil-konfront taghhom;

13.6. Illi s-suespost japplika wkoll fir-rigward ta' l-artikli 2153 u 2156 tal-Kap 16 fuq rifrit stante li huma ghal kollox estranei ghall-mertu ta' kawza odjerna;

Ikkunsidrat:

14.0. **Re l-eccezzjoni tal-interess guridiku**:

14.1. Illi hu ormai pacifiku li anke jekk wiehed ghandu interess morali, dan ghandu wkoll interess guridiku;

14.2. Illi *di piu`*, ir-rikorrenti odjerni ghandhom ukoll interess pekunjarju;

14.3. Illi ghalhekk dan l-interess tar-rikorrenti hu wiehed ovvju;

Ikkunsidrat:

15.0. **Re n-natura kumulattiva tal-azzjoni odjerna:**

15.1. Illi din l-eccezzjoni preliminari tal-intimati hi insostenibbli;

15.2. Illi jezisti qbil bejn il-kontendenti li ma kienx hemm il-htiega li r-rikorrenti kollha jitilghu jixhdu stante li kienu ser ikunu ripetittivi, (ara fol 1017);

Ikkunsidrat:

16.0. **Re l-pozizzjoni tal-Pim'Ministru u l-Avukat Generali bhala legittimi kontraditturi**:

16.1. Ir-rikorrenti jirrimettu ruhhom fir-rigward ta' din l-eccezzjoni preliminari;

Ikkunsidrat:

17.0. **Re l-allegat ksur tal-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data:**

17.1. Illi din l-eccezzjoni preliminari hi frivola;

17.2. Illi dan qed jinghad ghaliex l-i*Staff List* hi dokument ta' dominju pubbliku;

17.3. Illi ghalhekk, il-produzzjoni tal-istess dokument fl-atti ta' din il-procedura ma jikser l-ebda provediment;

17.4. Illi *di piu`*, il-qorti mhix il-forum idoneu biex tiddeciedi dwar vjolazzjonijiet ta' l-Att dwar il-Harsien tad-Data;

Ikkunsidrat:

18.0. Illi rigward il-mertu veru u proprju tal-procedura odjerna r-rikorrenti sintetikament isostnu s-segwenti:

18.1. Illi tnejn mir-rikorrenti, precizament John Zammit u Vincent Borg, b'kumbinazzjoni skoprew l-anomalija mertu ta' din il-procedura waqt li kienu qed jaraw l-i*Staff list* tal-impjegati tal-Gvern;

18.2. Illi l-imsemmija rikorrenti indikati fil-paragrafu precedenti skoprew li whud mill-kollegi taghhom li kienu bhalhom gew impjegati mal-Gvern bala appresndisti kienu inghataw l-ewwel

ingagg, "*appointment*", taghhom mal-Gvern f'data qabel is-16 ta' Jannar, 1979;

18.3. Illi s-16 ta' Jannar, 1979, kienet id-data fatidika li ddetermina l-Gvern li warajha il-haddiema ingaggati mal-Gvern, ma kienux ser jibqghu jiehdu aktar il-pensjoni tat-tezor;

18.4. Illi l-*iStaff List* kien dokument ta' certu importanza kemm ghall-impjegati tal-Gvern  kif ukoll ghall-istess amministrazzjoni pubblika u dan ghaliex, forst affarijiet ohra:

18.4.1. Kien jindika meta bniedem kien jigi ingaggat mal-Gvern;

18.4.2. Kien ghalhekk jigi determinat l-ewwel *appointment*;

18.4.3. Kienet ukoll tigi determinata is-"*seniority*";

18.4.4. Kienet tassigura li impjegat ma jigix maqbuz fis-"*seniority*";

18.5. Illi l-allegazzjoni tal-intimati li d-data tal-ewwel impjieg tar-rikorrenti kienet indikata kif inhi fl-i*Staff list* (ara fol 49 tal-process), minhabba zball, (ara fol 1989);

18.6 Illi pero` din l-allegazzjoni riferita fil-paragrafu precedenti mhix wahda sostenibbli ghaliex ir-rikorrenti hadu l-ewwel *appointment* taghhom qabel l-1979, (ara fol 1989);

18.7. Illi in effetti, jekk jirrizulta assodat li verament kien hemm zball fil-konfront tar-rikorrenti, allura kien ikun hemm ingustizzja doppja fil-konfront taghhom;

18.8. Illi jirrizulta li xi impjegati li l-*appointment* taghhom hu indikat mod, l-istess *appointment* qatt ma gie esebit in atti, (ara fol 1989), u ghalhekk gie meqjus mill-amministrazzjoni pubblika li dawn inghatalhom l-*appointment* taghhom fid-data ta' meta dahlu fl-apprentistat *de quo* u mhux bhar-rikorrenti – wara li spiccaw minn dan l-istess apprentistat, (ara fol 1990);

18.9. Illi *di piu`*, stante li f'uhud mir-rikorrenti tintuza frazjologija partikolari fejn jintqal li dawn kienu imlahqa *Building Tradesman* I jew *Building Tradesman* II, minnha innifisha tindika li l-*letter of appointment* ma tindikax l-ewwel ingagg mal-Gvern izda tindika meta r-rikorrenti gew promossi f'hatra ohra mal-istess Gvern li mieghu kienu gia` impjegati;

18.10. Illi fil-ftehim milhuq bejn ir-rikorrenti u l-Gvern ma jirrizulta minn imkien li huma m'humiex meqjusa bhala haddiema tal-Gvern;

18.11. Illi in effetti kien l-istess Gvern li kien kiser il-ftehim in dizamina stante li filwaqt li l-ftehim kien jirreferi ghal taghlim, l-apprentisti involuti kienu gew impjegati f'diversi progetti pubblici ta' kostruzzjoni li kienu qed isiru min zmien ghal zmien;

18.12. Illi *di piu`*, meta r-rikorrenti kienu hekk ingaggati bhala apprentisti, dawn fil-fatt kienu jahdmu l-istess hinijiet tal-

haddiema l-ohra tal-Gvern, u kellhom l-istess kundizzjonijiet tal-*leave* u tas-*sick leave*;

18.13. Illi l-istess apprentisti kienu wkoll ihallsu l-kontribuzzjoni tan-*National Insurance* u *Income Tax* dovuti;

18.14. Illi ghalhekk fejn ried il-Gvern kien jikkonsidra lir-rikorrenti bhala apprentisti, u fejn ried, kien jikkonsidrhom bhala haddiema regolari, inkluz fl-obbligi medezimi;

18.15. Illi ezami tad-dokumentazzjoni prodotta juri b'mod car li uhud mill-haddiema inghataw l-*appointment* taghhom f'data, u ohrajn ingaggati maghhom, inghataw l-*appointment* taghhom f'data ohra;

18.16. Illi konsegwenza tal-istess ir-rikorrenti gew pregudikati stante li minhabba f'dan il-fatt esklussiv gew eskluzi mill-pensjoni tat-tezor;

18.17. Illi ghalhekk ir-rikorrenti jezigu li jigu trattati bl-istess mod li gew trattati shabhom;

Ikkunsidrat:

19.0. Illi l-pozizzjoni tal-intimati tista' tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

19.1. Illi fil-qosor, it-talba tar-rikorrenti tista’ tigi kompressa fil-fatt li permezz tal-procedura odjerna, huma qed jitolbu li z-zmien li huma servew bhala apprentisti mal-Gvern jigi minflok ikkonsidrat bhala xoghol fis-servizz pubbliku;

19.2. Illi konsegwenza tal-istess, ir-rikorrenti jkunu jistghu jippercepixxu l-pensjoni tat-tezor meta jirtiraw;

Ikkunsidrat;

20.0. Illi jirrizulta li dawk li jikkwalifikaw ghall-pensjoni tat-tezor huma dawk elegibbli *ai termini* tal-artiklu 21 tal-Kap 93 tal-Ligijiet ta’ Malta, senjatament:

**“Ufficjal jew persuni mahturin mas-servizz pubbliku** ta’ Malta qabel il-15 ta’ Jannar, 1979”;

20.1. Illi ghalhekk dawk mahturin mal-istess servizz wara d-data indikata fil-paragrafu precedenti ma jkunux intitolati ghall-istess tip ta’ pensjoni;

20.2. Illi persuna titqies li kienet mahtura f’impjieg fis-servizz pubbliku mid-data tal-hatra tal-istess persuna min-naha tal-Prim’Ministru li jkun qed jagixxi fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku;

Ikkunsidrat:

21.0. Illi fuq il-mertu tal-procedura in dizamina l-intimati jsostnu sintetikament is-segwenti:

21.1. Illi fit-23 ta' Settembru, 1975, il-Ministeru tal-Bini Pubbliku u Xoghlijiet kien ghall-ewwel darba nieda skema ta' apprendistat ghal perjodu ta' erba' (4) snin, (ara fol 1032);

21.2. Illi l-iskop dikjarat ta' dan l-apprendistat kien biex:

21.2.1. Jippromwovi s-sengha tal-bini; u

21.2.2. Jistabbilixxi sors adegwat ta' nies teknikament preparati tajjeb biex jilqghu ghall-bzonnijiet futuri tas-settur kemm pubbliku kif ukoll privat, (ara fol 1032);

21.3. Illi l-iskema tal-apprendistat in dizamina kienet imsejsa fuq ir-regoli stabbiliti fl-Att ta' l-1952 dwar it-Taghlim fl-Industrija, (ara fol 1033 *et sequitur*);

21.4. Illi dan l-att indikat fil-paragrafu precedenti stabbilixxa li "apprendista" ikun dak li:

21.4.1. Ikun ghalaq l-erbatax (14) –il sena;

21.4.2. Jaqdi principal matul zmien miftiehem sabiex jikseb taghrif, maghduda t-tijorija u l-prattika, f'sengha;

21.4.3. Il-principal marbut li jghallem lill-apprendist;

21.4.4. Il-ftehim milhuq bejniethom irid ikun bil-miktub – kemm –il darba l-istess ftehim ma jigix imwarrab bis-sahha ta’ xi dispozizzjoni specjali ta’ dan l-Att, (ara paragrafu numru dsatax punt tlieta, (19.3), aktar qabel), (ara fol 1033);

21.5. Illi wara li kienet pubblicizzata l-iskema *de quo*, kienu hafna li applikaw biex jidhlu f’dan l-apprendistat;

21.6. Illi tenut kont tas-success riskontrat il-Ministeru fuq riferit kien ukoll ippubblika Manwal appozitu intiz biex jghin lill-applikanti apprendisti, (ara fol 1047 *et sequitur*);

21.7. Illi mal-istess Manwal indikat fil-paragrafu precedenti kien hemm ukoll il-ftehim li l-apprendist prospettiv kellu jiffirma mal-applikazzjoni tieghu, (ara fol 1049 *et sequitur*);

Ikkunsidrat:

22.0. Illi l-ftehim indikat fil-paragrafu precedenti kien fost l-ohrajn, jinkludi s-segwenti klawsoli:

22.1. Illi l-apprendistat in dizamina kellu jkun regolat bl-Att Numru X tal-1952 dwar it-Taghlim fl-Industrija;

22.2. Illi l-Att *de quo* jistipula l-obbligazzjonijiet tal-applikant f’dan l-apprendistat;

22.3. Illi dawn l-obbligi u responsabbiltajiet ikunu legalment vinkolanti mal-firma tal-ftehim, (ara klawsola 1 a fol 1049);

22.4.Illi l-ftehim *de quo* jkopri l-perjodu kollu tal-apprendistat, (ara klwasola 2 a fol 1049);

22.5. Illi l-istess ftehim jinkudi perjodu ta' "*probation*" rigwardanti l-ewwel sitt (6) xhur t'ingagg, (ara klawsola 3 a fol 1049);

22.6. Illi l-apprendist kellu joqghod ghall-kondizzjonijiet tal-impjieg li jkunu jezistu minn zmien ghal zmien, (ara klawsola 4 a fol 1050);

22.7. Illi l-perjodu tal-apprendistat kellu jkun t'erba' (4) snin, (ara klawsola 5 a fol 1050);

22.8. Illi l-apprendistat kellu jinqasam f'edukazzjoni ta' natura prattika u wkoll tejoretika, (ara klawsola numru 5 u 6 a fol 1050);

22.9. Illi fit-tmiem l-apprentistat l-apprentisti jikkwalifikaw ghal Certifikat ta' Servizz, (ara klawsola numru 8 a fol 1050);

22.10. Illi gie espressament indikat fl-istess indikazzjonijiet li bhala konsegwenza tal-fatt li apprendist jikkwalifika u ghalhekk jircievi c-Certifikat ta' Servizz indikat fil-paragrafu precedenti, dan kien "normalment jaghmilha possibbli ghalih li jkun offrut impjieg mal-Ministeru tal-Bini Pubbliku u Xoghlijiet bhala

bniedem tas-sengha kwalifikat”, (ara klawsola numru 8 a fol 1050);

22.11. Illi fl-istess indikazzjonijiet annessi fuq riferiti hemm ukoll dettaljatament indikati l-kondizzjonijiet tax-xoghol espressament stipulati ghall-istess apprentisti, (ara fol 1050 *et sequitur*);

22.12. Illi sussegwentement, kull min mill-apprendisti involuti kien ikun meqjus li ssodisfa l-imsemmija kondizzjonijiet, kien jircievi ic-certifikat fuq riferit, (ara paragrafu numru ghoxrin punt tmienja, (20.8), aktar qabel);

22.13. Illi jirrizulta li dan l-apprendistat kien rez possibbli fil-perjodu bejn l-1975 u 1978, u kull min temm l-istess b’success kien l-ewwel ipprezentat bic-Certifikat fuq riferit, u **wara**, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku, kienu gew impjegati formalment fis-servizz pubbliku skont il-ligi u l-formalitajiet rikjesti fir-rigward;

Ikkunsidrat:

23. Illi mir-rizultanzi taz-zewg pozizzjonijiet kontrastanti fuq sintetikament esposti ghandu jkun pacifiku li l-meritu tal-istess vertenza in dizamina ssib ir-rizoluzzjoni taghha mill-istess ftehim sottoskritt mill-apprendisti in dizamina – ir-rikorrenti odjerni;

24.0. Illi ezami tal-istess juri s-segwenti:

> 24.1. Illi l-apprendistat in dizamina offrut, l-applikazzjoni ghall-istess, il-manwal koadjuvanti mahrug u l-ftehim finalment iffirmat kollha jiddistingwu bejn il-kwalita` ta' apprendist u l-kwalita` ta' impjieg sussegwenti li konsegwentement jigi offrut li jigi superat b'success l-apprendistat;

> 24.2. Illi din id-dikotomija bejn iz-zewg kwalitajiet dejjem kienet cara u l-istess apprendisti rikorrenti, meta dawn accettaw li jintavolaw l-applikazzjoni taghhom ghal dan l-apprendistat, kienu qed jindikaw liberament li kienu fehmu l-konsegwenzi tal-istess *molto piu`* meta annessa mal-applikazzjoni taghhom kellhom manwal li kien jispjega dettaljatament id-diversi stadji hemm kontemplati, u indikati fil-paragrafu precedenti;

Ikkunsidrat:

25. Illi ghalkemm verament jirrizulta odjuz li xi whud mill-apprendisti involuti inghataw l-ingagg fis-servizz pubbliku qabel ohrajn u f'data li kienet tirrizulta ferm fruttifera meta ipparagunata ma' dik tar-rikorrenti, fih innifsu dan ma jbiddel xejn mill-kondizzjonijiet pattwiti u espressament indikati kemm fl-applikazzjoni kif ukoll fil-manwal fuq riferit, u r-rimedju ghandu jigi imfittex mod iehor;

26. Illi ghalhekk jirrizulta debitament assodat li l-apprendisti applikanti rikorrenti inghataw dak li effettivament liberament iffirmaw ghalih fl-applikazzjoni minnhom sottomessa biex jigu inkluzi fl-apprendistat *de quo*;

27. Illi ghalhekk jirrizulta li l-intimati agixxew esklussivament fil-limiti tal-kondizzjonijiet pattwiti fl-istess ftehim, u ghalhekk l-azzjonijiet taghhom ma jirrizultawx censurabbli;

Ikkunsidrat:

28. Illi *di piu`*, ghandu jinghad li l-eccezzjoni preliminari rigwardanti t-trapass ta' tletin (30) sena minn mindu wiehed isir jaf bil-fatt inkriminati ma treggix f'din ic-cirkostanza stante li ma giex ippruvat li dan il-perjodu effettivament ghadda;

29. Illi rigward l-eccezzjoni rigwardanti l-interess guridiku sollevata mill-intimati ghandu jinghad li din il-qorti hi sodisfatta li dan l-interess dirett gie debitament sodisfatt stante li kemm –il darba t-talba tar-rikorrenti jkollha ezitu favorevoli din ikollha effett pekunjarju konsiderevoli fuq l-istess rikorrenti;

30. Illi rigward il-pozizzjoni tal-Prim'Ministru u tal-Avukat Generali f'din il-procedura il-qorti tikkonsidra l-prezenza taghhom essenzjali kemm ghaliex tal-ewwel hu l-kap tal-Ezekuttiv, kemm ghaliex tat-tieni hu statutorjament mghobbi bir-responsabbilita` procedurali li jirrapprezenta lid-dipartimenti tal-Gvern li minn zmien ghal zmien ikunu mitluba jwiegbu ghal domandi imressqa fil-konfront taghhom fil-qrati;

Ikkunsidrat:

31. Illi rigward l-eccezzjoni preliminari rigwardanti l-Att dwar il-Harsien tad-Data ghandu jinghad li la darba l-*iStaff List* inkriminata gia` kienet ta'

dominju pubbliku, billi qabel kienet tigi ppubblikata u cirkolata mill-istess Gvern, din l-eccezzjoni ma treggix;

32. Illi finalment, ghal dak li ghandu x'jaqsam man-natura kumulattiva tal-azzjoni *de quo* u ma' l-eccezzjoni preliminari sollevata fir-rigward, ghandu jinghad li wara l-verbal kumulattiv tal-partijiet datat il-15 ta' Frar, 2012, li ddikjaraw li stante li l-mertu tax-xhieda tar-rikorrenti hi identika, ix-xhieda gia` mismugha ghandha tittiehed bhala valida wkoll fil-konfront tar-rikorrenti minghajr il-htiega li jinstemghu kollha direttament (ara fol 1017), ghandu jinghad li l-istess eccezzjoni *de quo* giet ghalhekk superata;

Ikkunsidrat:

33.0. Illi ghaldaqstant, tenut kont tas-suespost din il-Qorti:

**DECIDE:**

33.1. Tirrespingi l-eccezzjonijiet preliminari kollha tal-intimati, bl-ispejjez ghall-istess kontra l-intimati fuq riferiti;

33.2. Illi fil-mertu, ghar-ragunijiet fuq ukoll esposti:

33.2.1. Filwaqt li takkolji r-risposti tal-intimati;

33.2.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

33.2.3. Bl-ispejjez ghall-istess kontra r-rikorrenti.

______________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

DECIZJONI FINALI

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------